KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 67**

**It-Tlieta, 20 ta' Ġunju, 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier (online) |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Is-Sur Carlo Stivala — Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sur Jordy Brincat — Segretarju Eżekuttiv

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 67.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**67.01.01** Il-Kunsillier Carlo Stivala għal darb'oħra hu assenti għas-seduta tal-lum. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li wara l-aħħar seduta hu, għal darb'oħra, informa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u d-Diviżjoni, però ma wasal l-ebda rispons lura. Għalhekk din il-kwistjoni tinsab għand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 67.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 65 u Laqgħa Annwali 66)

**67.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' Seduta 65.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondata mill-Viċi Sindku Josette Busuttil, dawn il-minuti ġew approvati unanimament.

**67.02.02** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti tal-Laqgħa Annwali 66.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondata mill-Kunsillier Johann Borg, dawn il-minuti ġew approvati unanimament.

## 67.03 Arising mill-minuti (Seduta 65)

**67.03.01** Xejn.

## 67.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**67.04.01** *<u>Bowser supply for street cleaning:</u>* Is-Sindku Scott Camilleri semma li din il-kwotazzjoni nġiebet wara li s-sena l-oħra provdejna dan is-servizz lin-naħat kollha ta' Birżebbuġa. Inqabel li tingħażel kwotazzjoni Ċ. Trid tinħadem skeda mal-Cleansing ta' kif u meta se jinħaslu t-toroq.

**67.04.02** <u>Mobile Toilets:</u> Is-Sindku Scott Camilleri semma li minħabba li qed jitwaqqgħu l-latrini f'Wied il-Buni, il-mobile toilets jitilgħu għal erbgħa minn tnejn. Inqabel li jitwaqqaf is-servizz li hemm Wied il-Buni minn kuntrattur bi prezz ogħla u issa se jiġu kollha ta' kuntrattur Ċ, li hu l-irħas.

**67.04.03** *<u>Transport for Day Centre</u>:* Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-anzjani li jattendu d-day centre talbu li tiżdied ġurnata oħra mal-iskeda li hemm bħalissa. Wara li nġabru l-kwotazzjonijiet mitluba, intgħażlet kwotazzjoni A.

**67.04.04** *<u>2 printers għall-uffiċċju</u>:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm il-bżonn li jinxtraw 2 printers black & white għall-front office għaliex issa li hemm tant qdiemu li l-linka tagħhom saret tiswa iżjed mill-printers. Ġibna kwotazzjoni ta' €191.95 kull printer, u din ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

## 67.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*<u>Skeda ta' Pagamenti:</u>*

**67.05.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty Cash:*

**67.05.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondat mill-Kunsillier Alex Caruana, il-kunsilliera preżenti kollha approvaw l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**67.06 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**67.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li dan ix-xahar kien hemm il-laqgħa l-Awtorità tal-Ippjanar marbuta mal-Planning Gains tal-Freeport. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku Scott Camilleri, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-Contracts Manager il-Perit Carmel Cacopardo. Il-Contracts Manager tal-Kunsill appella b'mod eċċellenti kontra żewġ permessi tal-Malta Freeport li jorbtuh li jrid iħallas €1.4 miljuni fi Planning Gains b'risq il-lokalità. Il-Freeport irribatta billi qal li bl-għajnuna li jagħti lil diversi attivitajiet fil-lokal u għaqdiet lokali, ikun ħareġ diġà dan l-ammont. L-awtorità qed titlob iżjed dettalji mill-Malta Freeport u se tkun qed tipposponi dan is-smigħ. L-għada tas-seduta tal-lum għandu laqgħa mal-Perit Carmel Cacopardo u l-Avukat Dr.Desiree Attard biex jitkellem fuq il-każ s'issa, u li biex fil-laqgħa li jmiss mal-Awtorità tal-Ippjanar il-Kunsill ikollu preżenza legali.

**67.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li lbieraħ kien hemm EMC meeting tal-Freeport, fejn hu u l-Perit Cacopardo rrimarkaw, mal-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta, in-nuqqas ta' rispett lejn il-komunità ta' Birżebbuġa fid-dredging li qed isir bħalissa. Dan id-dredging suppost waqaf f'Mejju u għadu qed iġebbed sal-lum il-ġurnata. Talab ukoll biex issir laqgħa kemm jista' jkun malajr biex il-Kunsill ikun kapaċi javża lill-pubbliku fuq li jkun qed jiġri. Il-meeting hu pjanat li jsir matul il-ġimgħa d-dieħla.

**67.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li wara l-aħħar seduta hu u l-Kunsillier Alex Caruana tkellmu mal-Għaqda tas-Sajjieda biex naraw kif se jkun qed jitnaddaf l-ispazju f'Dawret il-Qalb Imqaddsa. Il-pjan hu li, wara li jispiċċa s-sajf, din il-parti tiġi regolarizzata min-naħa tas-sajjieda, fejn se ssir booking system biex jinħareġ permess u għalhekk din ma tibqax dumping site.

**67.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-bye-law tal-karavans, fejn semma li din l-affari tal-bye-law qed issir sabiex il-Kunsilli Lokali jkollhom iżjed kontroll ta' dawn il-karavans li jkun hawn madwar ir-raħal. Fl-aħħar laqgħa li saret mal-ministri kkonċernati u diversi sindki oħra kien hemm ukoll preżenti rappreżentanti mil-LESA u l-pulizija. Dawn għaddejjin minn proċess biex fis-sistema tagħhom ikollhom il-multi relatati mal-karavans jew motor homes. Il-Kunsill irid isib designated u non-designated areas biex ikun jista' jagħti l-permessi għal dawn il-karavans.

**67.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar iż-Żurrieq Joint Committee. Hu kien tkellem mal-president tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għax din l-issue riedet tiġi diskussa waqt laqgħa tar-Reġjun. Il-president infurmah li l-lokalitajiet li kienu parti minn dan il-joint committee huma Ħal Luqa u Birżebbuġa biss. Se jkun hemm ammont ta' voti mingħand irħula jew bliet oħra li ma kellhomx x'jaqsmu ma' dan il-joint committee. Hu jibqa' jesiġi li din il-kwistjoni tmur għall-arbitraġġ.

## 67.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**67.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri qed iressaq rakkomandazzjoni dwar l-agreement tal-car park li qed jinbena mill-Malta Freeport Coorporation. Dan il-ftehim se jkun iffirmat bejn tliet partijiet: il-korporazzjoni, it-terminals, u l-Kunsill Lokali Birżebbuġa. Hu kompla jgħid li issa l-parkeġġ se jkun lest minn kollox, inkluż il-barriers u anke l-magni tal-ħlas, etċ. Għalhekk qed iressaq din ir-rakkomandazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jmur għal ftehim, issa li x-xogħol hu kważi finalizzat. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan il-ftehim li se jkun qed jiġi ffirmat fil-jiem li ġejjin.

## 67.08 Korrispondenza

**67.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li rċivejna korrispondenza mingħand persuna li talbet li jkollha aċċess għall-barrier ta' ħdejn il-water polo. Dan għaliex għandu l-mara tiegħu marida u ma tistax tinżel hemm isfel bil-mixi. Il-kunsilliera ma qablux li dan l-aċċess jingħata għax hemm mhux post tal-parkeġġ. Però l-barrier tkun miftuħa filgħodu, jekk irid iniżżilha filgħodu kmieni u jmur jipparkja barra. Se nipprovaw nagħmlu alighting parking bay viċin ir-rampa li għamilna.

**67.08.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma dwar it-talba mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal rimborż ta' €30,000 lura, marbut ma' proġett li kellu jsir fl-2016 mad-dawl tax-xatt u li ilu żmien li skada, u kien baqa' qatt ma sar. Id-Diviżjoni, wara li tatna diversi extensions, trid il-fondi lura u għalhekk qed iressaq din għall-attenzjoni tal-Kunsill. Madankollu, issa l-proġett beda u għaddej ġmielu, imma r-rimborż irid isir bilfors minħabba li nstab nuqqas ta' dokumentazzjoni.

**67.08.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma dwar it-talba mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal rimborż ta' €17,000 lura marbuta ma' proġett li kellu jsir fl-2019 dwar is-sistema t'irrigazzjoni fi Ġnien l-Indipendenza u li skada u baqa' ma sar qatt. Id-Diviżjoni, wara li tatna diversi extensions, trid il-fondi lura u għalhekk qed iressaq din għall-attenzjoni tal-Kunsill, li jrid isir dan ir-rimborż bilfors minħabba li nstab nuqqas ta' dokumentazzjoni.

**67.08.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li matul dawn l-aħħar ġimgħat daħlu ħafna applikazzjonijiet minn Transport Malta għal Reserved Parking Bays ġodda. Il-kunsilliera preżenti qablu li tiddeċiedi l-istess entità.

## 67.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**67.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li, kif maqbul fl-aħħar seduta, ġie mitlub jibgħat il-korrispondenza fir-rigward taż-żoni tal-karavans. Din l-ittra ntbagħtet, imma s'issa għadu ma rċieva xejn lura dwar il-postijiet indikati.

**67.09.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fil-jiem li għaddew ġie infurmat mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar li l-MITA se jkunu qed jgħaddu sistema ġdida ta' network u wires ġodda. Issa għandna bżonn post jew kamra li tissakkar, fejn ikun jista' jiġi installat is-server u s-sistema tas-CCTVs. Mill-post limitat li għandna, intgħażlet il-kamra ta' fuq nett biex tkun mgħammra bl-apparat li hemm bżonn biex issir din il-kamra tas-server.

### 67.10 Ingaġġ t'Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13, Contracts Manager part-time fi Skala 13, u Skrivan fi Skala 15

**67.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Ħamis 8 ta' Ġunju 2023 sar sett ieħor t'intervisti għal Uffiċjal Eżekuttiv, Contracts Manager part-time u Skrivan. Minn dawn l-intervisti kollha ntgħażlu l-kandidati għal dawn il-postijiet sabiex jibdew il-ħidma tagħhom fil-jiem li ġejjin. Rapport dettaljat ġie mibgħut lill-kunsilliera kollha l-għada tal-intervisti, u wkoll qabel is-seduta. Il-Kunsill Lokali wara li ra r-rakkomandazzjoni tal-bord qed japprova li l-Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13 tkun is-Sinjura Anabelle Mifsud, il-Contracts Manager part-time tkun Dr Alessia Psaila Zammit, u l-Iskrivana tkun is-Sinjorina Anabel Micallef.

### 67.11 Sejħa għall-ingaġġ ta' Foreman mal-Kunsill

**67.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-foreman preżenti tal-Kunsill Lokali informah li se jkun qed itemm l-impjieg tiegħu lejn l-aħħar tas-sena jew kmieni s-sena d-dieħla minħabba l-età tal-irtirar. Wara li tkellem mas-Sindku, is-Sindku Scott Camilleri qallu sabiex naraw x'rekwiżit hemm bżonn sabiex ningaġġaw foreman li jkun impjegat mal-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk il-Kunsill pjanax, mill-aspett finanzjarju, għal dan l-impjegat li dieħel. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv se jitkellem mal-accountant biex jara li jekk jidħol din is-sena, il-Kunsill ikollu allokazzjoni finanzjarja għalih. Il-kunsilliera preżenti qablu li dan il-proċess jibda biex insibu persuna ġdida.

### 67.12 Reply għall-Management Letter 2022

**67.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ippreżenta fuq il-mejda kopja tar-risposta li se tkun qed tingħata fir-rigward tal-management letter għas-sena 2022. Il-kunsilliera preżenti qablu mad-dokument imħejji għar-risposta.

### 67.13 Il-Każ ta' Alfred Schembri & Sons Ltd

**67.13.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fil-jiem li għaddew tkellmu mal-avukat tal-Kunsill dwar il-każ tal-kuntrattur Alfred Schembri & Sons Ltd sabiex dan il-każ jiġi solvut. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-avukat ta l-ħsibijiet tiegħu ta' kif għandu jirrispondi l-Kunsill mill-aspett legali. Wara li qara lill-kunsilliera l-parir tal-avukat, is-Sindku Scott Camilleri qal li hu jaqbel mad-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk se nkomplu għaddejjin naħdmu miegħu fuq dan il-każ. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li hu japprezza ħafna li l-Avukat Dr Victor Bugeja jaħdem lill-Kunsill mingħajr ħlas, imma qed iressaq propostà li peress li din il-kawża taf tieħu fit-tul, ikun hemm ħlas dovut lill-Avukat Bugeja. Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-propostà tas-Segretarju Eżekuttiv.

### 67.14 Nomina għal Deputat Segretarju Eżekuttiv

**67.14.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar in-nomina li ħarġet sabiex il-Kunsill Lokali jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv ikun assenti jew ikun hemm il-post vakanti. Din is-sejħa ntbagħtet u applikat persuna waħda. Din il-persuna għandha esperjenza kbira fil-qasam tal-Gvern Lokali u taħdem fid-

Diviżjoni stess. Il-Kunsilliera preżenti qablu li s-Sinjura Astrid Pell tkun maħtura Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 67.15 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**67.15.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill Lokali rċieva talba sabiex issir Loading/Unloading Bay fi Triq F.C. Bourlemaque, kantuniera ma' Triq F.M. Ferretti. Wara diskussjoni libera, il-kunsilliera preżenti qablu li din it-talba tintbagħat dirett lil Transport Malta għall-evalwazzjoni.

**67.15.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-laqgħa li saret ftit tal-ġimgħat ilu mal-WSC dwar it-trinka li saret fi Triq il-Port Ħieles. Il-kuntrattur, imqabbad mill-istess entità, qasam għal Triq il-Girgħien u ħalla l-konkos kif inhu. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li s-sid tal-binja li bena fi Triq il-Girghien applika għas-servizz tad-dranaġġ. Issa peress li ma kienx hemm drenaġġ eżistenti, il-WSC ftehmu miegħu u sabiex ikollu waiver. Parti minn dan il-ftehim hi li jorbot lis-sid sabiex isib kuntrattur hu, u jagħmel ix-xogħol hu. Is-Sid qabbad lill-istess Kuntrattur li qed jaħdem fuq Triq il-Port Ħieles, imma Infrasturcture Malta talbu li s-sid jagħmel il-wisa tat-triq kollha bit-tarmak imma dan m'accettax li jħallas dan l-ammont hu, Il-WSC qed jgħidu li ġaladarba huma tawh il waiver allura issa r-responsabbilta hija tas-sid. S'issa, s-sid għadu jsostni li ma jridx iħallas kollox hu. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-WSC talbu lill-Kunsill Lokali biex jagħmel ittra lil Transport Malta u dan diġà tkellem mas-Sur Michael Cohen, u sa dak il-ħin kien għadu ma rrispondiehx. Għaddieha wkoll lill-ministru konċernat u qed jistenna r-risposta malajr. Issa qed jara kif se jżomm din il-kwistjoni milli sseħħ fil-Bajja s-Sabiħa u tkellem mal-Projects Manager tal-lukanda biex jara li dawn jibqgħu għaddejjin bl-asfalt. U milli jidher din il-ġimgħa għandu jingħata l-wiċċ ta' Triq iż-Żibra bl-asfalt.

**67.15.03** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Mikiel Abela. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li huwa vera li din għadha ma saritx, u spjega dwar il-problema li tinħoloq ġewwa Triq l-Għannejja. Spjega li din tiġi problematika għan-nies ta' Triq l-Għannejja. Il-kwistjoni tinsab għand Transport Malta, imma s'issa min jikkorrispondi f'isem Transport Malta għadu ma rrispondiehx lura. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar ir-raġuni għalfejn il-biċċa ta' fuq ta' Triq il-Kitarristi ma ssirx two-way meta spazju fejn issir two-way hemm u li b'hekk tissolva l-problema tal-coaches. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li fil-preżenza tas-Sindku Scott Camilleri staqsa din il-mistoqsija lir- rapreżentant minn Transport Malta. Transport Malta dan ma accettatux, anzi talbet li jitneħħew iż-żewġ spazji ta' parkeġġi biex l-istess coaches iduru. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li Transport Malta kienu rrispondew li biex issir hekk iridu jitneħħew żewġ spazji ta' parkeġġi.

**67.15.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li nġibditilha l-attenzjoni li ħdejn il-lukanda fil-Bajja s-Sabiħa qed ikun hemm makkinarju tal-konkos u li meta jkun qed jaħdem qed ikun hemm ammont kbir ta' traffiku. Hi talbet biex ikun hemm No Parking signs f'dik il-biċċa sabiex jgħaddu sew il-karozzi.

**67.15.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet biex fejn il-moll, fejn iniżżlu d-dgħajjes, issir xi ħaġa biex nies bil-wheelchair ikunu jistgħu jinżlu. Is-Sindku Scott Camilleri qal li diġà hemm pjattaforma fil-preżent.

**67.15.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet kif bqajna dwar il-bankina temporanja li tinsab ħdejn il-ħajt fi Triq il-Qajjenza. Is-Segretarju Eżekuttiv semma li hu għadu qed jistenna rispons mis-Surġent dwar dan il-każ, minkejja d-diversi tentattivi li għamel u lis-sid sabiex jiġi jħallas id-depożitu sabiex tiċċaqlaq il-bozza tat-triq.

**67.15.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar id-dawl taż-zebra cross, li ġieli semmiet. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li l-kuntrattur jaf biha u ġab il-parts biex jarma l-belisha lights ta' din iż-zebra cross. Staqsiet ukoll dwar iż-zebra cross ta' ħdejn il-Miracle Foods. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li din għadha pendenti għand Transport Malta.

**67.15.08** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li s'issa dwar ix-xogħlijiet maġġuri li qed isiru fi Triq Birżebbuġa, it-triq għadha qatt ma ngħalqet għalkollox. Hu qed isostni mal-persuni konċernati biex din ma' tingħalaqx, imma ssir b'sistema ta' traffic lights sabiex it-traffiku jibqa' għaddej. F'dik il-parti hemm cable antik ħafna u talab li jinbidel. Il-Ministru għall-Enerġija Onor. Miriam Dalli qablet li jinbidel. Ix-xogħol tal-bdil tal-cable hu lest.

**67.15.09** Il-Kunsilliera Doriana Portelli staqsiet kif bqajna fuq Triq Santa Marija biex issir one-way. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien hemm issue ma' Transport Malta, u li se jkellimha l-għada filgħodu. Staqsiet hux possibbli li għall-inqas issir mera fil-kantuniera. Is-Sindku Scott Camilleri qalilha li din tista' ssir.

**67.15.10** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li hemm bżonn issir bozza fi Sqaq ta' Salvun. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

## 67.16 Proġetti u skemi

**67.16.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma aġġornament dwar il-berġa. Issa bdew jitwaħħlu l-partitions ta' ġewwa, wara li d-dawl kważi lest. Qed jippjanaw li sal-aħħar ta' Settembru tkun lesta minn kollox.

**67.16.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-ġurnata magħżula għall-World Cleanup Day se tkun il-Ħadd 17 ta' Settembru.

**67.16.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-proġett tal-playing fields. Lejn l-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla għandu jkun hawn is-soft flooring, u ftit ġimgħat wara jasal l-apparat rikreattiv ġdid. Il-bandla għall-persuni b'ħiliet differenti għandha tasal madwar xahar ieħor. Dan għax din il-bandla tkun trid tinħadem għalina.

## 67.17 Saħħa, indafa u ambjent

**67.17.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li bħalissa fir-raħal ħadd mhu kuntent bil-livell ta' ndafa li għandna, inkluż hu u l-Kunsill Lokali kollu. Is-sitwazzjoni preżenti hi li m'hemmx biżżejjed ħaddiema għall-ammont ta' xogħol li qed ikun hawn. Is-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qed jaħdmu kemm jistgħu sabiex din il-problema tiġi mnaqqsa kemm tista'. Huma talbu għal-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Onor. Alison Zerafa Civelli. Din il-laqgħa se ssir biex ikun hemm direzzjoni dwar is-sitwazzjoni li ninsabu fiha. Apparti din, wara laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Cleansing Ramon Deguara, ġentilment se jkollna żewġ ħaddiema ġodda fiż-żmien tas-sajf.

**67.17.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana kif bqajna dwar il-bankina ta' Triq il-Brolli. Din iż-żona għadu jkun hemm ħafna ġrieden jiġru. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li għadu qed jistenna mingħand il-perit. Hawn talab sabiex nagħtu ftit ċans lill-Perit għaliex dan impenjat b'ħafna affarijiet.

**67.17.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li fuq il-midja soċjali qrat dwar xi ħaġa fuq in-naħa ta' Tax-Xerriek, fejn bħalissa qed ikun hemm ħafna parts tal-karozzi. Bħalissa fejn jidħlu karozzi abbandunati qed naħdmu fuq żewġ żoni: dik ta' Triq id-Dar ta' Pultu u l-car park tal-Qajjenza. Sar proċess li aktarx din il-ġimgħa għandu jkun hemm ċans li jitneħħew.

## 67.18 Attivitajiet

**67.18.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li nhar is-Sibt 24 ta' Ġunju se jkun hemm l-attività L-Imnarja fil-Qajjenza. Il-preparamenti mexjin tajjeb ħafna u mistennija attendenza numeruża għal din l-attività. Wara li tgħaddi din, se tibda taħdem fuq Jum Birżebbuġa 2023. Dwar attivitajiet soċjali se jkun hemm Gozo by Night u ġurnata Sqallija.

## 67.19 Kultura, żgħażagħ u sport

**67.19.01** Il-Kunsilliera Doriana Portelli staqsiet għal aġġornament fuq il-progress tat-tennis court, u s-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dan hemm ċans li jidħol fit-tieni fażi fil-Project Green.

**67.19.02** Il-Kunsillier Joseph Farrugia qed iressaq suġġeriment biex il-ġnien ta' Bengħajsa jissemma għan-nies ta' Birżebbuġa 'Ġnien il-Birżebbuġin'. Niddiskutu din it-talba iżjed 'il quddiem.

## 67.20 Affarijiet oħra

**67.20.01** Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss.

## 67.21 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**67.21.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2023 fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 25 ta' Lulju 2023.**

**IFFIRMATA**

________________________

**Scott Camilleri**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Jordy Brincat**
*Segretarju Eżekuttiv*